MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**SAVIOUR DEMICOLI**

Seduta ta' l-10 ta' Mejju, 2004

Numru 258/2004

**Il-Pulizija**
**(Spettur Marthese Micallef)**
**vs**

**-omissis - ***

**Illum 10 ta' Mejju, 2004**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet li permezz taghhom – *omissis* - 56 yrs, iben Carmelo u Mary nee` Sammut, imwieled Naxxar fis-17 ta' Settembru 1946, detentur tal-karta ta' l-identita bin-numru 838746M u residenti 118, Triq Santa Lucija, Naxxar, gie akkuzat:

Talli fit-22 ta’ Marzu 2004 ghall-habta ta’ bejn it-tmienja u l-hdax u nofs ta’ fil-ghaxija, waqt li kien gewwa l-isptar San Luqa fil-Pieta, b’eghmil zieni, ikkorrompa l-persuna ta’ – *omissis* - persuna ta’ taht l-eta u dan bi ksur ta’ l-artikolu 203 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

U aktar talli fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi ikkommetta attentat vjolent ghall-pudur ta’ l-istess minorenni – *omissis* - u dan bi ksur ta’ l-artikolu 207 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

U fl-ahharnett talli fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi offend il-pudur jew il-morali b’eghmil li sar f’lok pubbliku jew f’lok iehor espost ghall-pubbliku u dan bi ksur tal-artikolu 209 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat l-atti u d-dokumenti esebiti.

Rat il-Kunsens tal-Avukat Generali esebit li jinsab a fol. 4 tal-Process u nnutat li l-imputat m’ghandux oggezzjoni li l-kaz tieghu jigi trattat bi procedura sommarja.

Innutata li fis-Seduta ta’ llum Dr. Angelo Farrugia ghall-imputat iddikjara li f’dan l-istadju l-imputat qed jammetti l-akkuzi.

Il-Qorti wissiet lill-imputat bl-aktar mod solenni rigward il-konsegwenzi tal-ammissjoni tieghu u taghtu ftit taz-zmien sabiex jiddeciedi jekk jikkonfermax l-ammissjoni tieghu jew le, u wara li gie mistoqsi jekk jikkonfermax l-ammissjoni tieghu jew le, l-imputat wiegeb li hu hati.

Semghet trattazzjoni dwar il-piena.

Rat l-artikoli 203, 207 u 209 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Issib lill-imputat – *omissis* - fuq ammissjoni, hati tal-akkuzi migjuba kontra tieghu u tenut kont ic-cirkostanzi kollha tal-kaz inkluzi l-fatt li l-imputat ammetta fi stadju bikri tal-kawza, wara li rat l-artikoli 28A u 28B tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta, tikkundanna lill-imputat – *omissis* - ghall-piena komplessiva ta’ tmintax (18)-il xahar prigunerija u Lm50

multa u tordna li din is-Sentenza nkwantu ghall-piena ta' prigunerija ma ghandhiex tibda ssehh hlief jekk matul il-perjodu ta' tliet (3) snin millum l-imputat – *omissis* - jikkommetti reat iehor punibbli bi prigunerija.

Finalment il-Qorti qed taghti lill-imputat – *omissis* - l-ispjegazzjoni preskritta fl-artikolu 28A (4) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

* Nota tad-Deputat Registratur tal-Awla 12 Connie Azzopardi li biha tiddikjara li din il-Kopja Informali tas-Sentenza fiha *omissis* rigward l-isem tal-imputat u tal-vittma kull fejn jidhru fid-dawl tad-Digriet tal-Qorti moghti fl-24 ta' Marzu, 2004.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------